MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 370/2011

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab hekk:

Illi l-kontendenti zzewgu fit-22 t'Awissu tas-sena 2000, minn liema zwieg kellhom zewgt itfal u cioe E A li twieled nhar il-25 ta' Novembru tas-sena 2000 u R S li twieled nhar il-25 ta' Dicembru tas-sena 2002.

Illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta' l-attur u dan minhabba li din abbandunat lil zewgha u ghazlet li

tkompli tghix barra minn Malta flimkien maz-zewg t'itfal minuri.

Illi nbdew il-proceduri ghall-medjazzjoni, pero minhabba li l-mara hija assenti minn Malta u ghalkemm giet notifikata ma kienitx prezenti ghall-medjazzjoni, l-attur b'digriet tat-22 ta' Novembru 2011 numru 2189/11AL gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenuta.

Illi minhabba li l-konvenuta hija assenti, ir-rikorrenti pprezenta rikors fejn talab li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzah jinnotifika lill-martu gewwa l-Ingilterra tramite r-Registratur tal-Qorti u dan skond EU Council Regulation 1393/2007.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba abbandun;

Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri f'idejn il-konvenuta filwaqt li r-rikorrenti jinghata access adegwat ghall-uliedu minuri.

Tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti kollha ta' l-artiklu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli.

U dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti tal-attur.

Rat li l-konvenuta giet notifikata fit-23 ta’ Marzu 2012 bir-rikors guramentat fir-residenza taghha gewwa r-Renju Unit izda ma pprezentatx risposta guramentata.

Rat l-atti kollha;

Ikkonsidrat;

**PROVI**.

L-attur permezz tal-affidavit tieghu (fol.55) xehed hekk:

“Nghid illi jien u Lynn D ltqajna fl-1999 u bdejna nohorgu flimkien. Fi Frar tas-sena 2000 Lynn D harget tqila bl-ewwel tifel taghna, E, li twieled fil-25 ta' Novembru 2000. Matul zmien it-tqala ddecidejna li jkun ahjar li nizzewgu u hekk ghamilna fit-22 ta' Awwissu 2000. Sentejn wara, fil-25 ta' Dicembru 2002 twieled it-tieni tifel taghna R S.

Nghid illi tul iz-zwieg lil Lynn D qbadtha ma' tkunx fidila lejja xi haga li hi stess darba minnhom anki ammetiet. Nghid izda li wara dan l-ewwel incident ta' nuqqas ta' fedelta' ghazilna li nibqghu flimkien bhala mizzewgin. Madwar erba' snin ilu sehh incident iehor. Din id-darba Lynn D telqet minn Malta ghal madwar erba' xhur u marret lura r-Renju Unit. Lit-tfal halliethom mieghi matul dawn l-erba' xhur li ghamlet fir-Renju Unit. Meta giet lura Malta hi bdiet titlobni nahfrilha li kienet abbandunat il-familja b'dak il-mod. Nghid illi jien ghazilt li nalifrilha.

F'Jannar tas-sena 2010 morna nghixu r-Renju Unit bhala familja izda anke hawn Lynn D kompliet tohloq id-diffikultajiet, tinsisti li l-affarijiet dejjem isiru a modo taghha u tqajjem argumenti meta ma' kienx hemm lokhom. Fit-22 ta' Awwissu ta' l-istess sena, f'gheluq l-ghaxar anniversarju miz-zwieg taghna Lynn D qaltli li z-zwieg taghna kien wasal fi tmiemu. Hija bdiet thedidni sabiex b'mod immedjat nitlaq mid-dar li konna qed nghixu fiha u fil-fatt f'Ottubru ta' dik is-sena jiena tlaqt.

Nghid illi meta sseparajna t-tfal baqghu r-Renju Unit ma' ommhom. Nzid li l-attentati tieghi sabiex nzomm kuntatt ma' uliedi dejjem sab resistenza qawwija minn C D. L-ostilita lejja tohrog cara wkoll mill-kuntatt tieghi ma' Lynn D permezz ta' online chatting u dan minkejja li f'dan il-kuntatt dejjem urejt rieda tajba u impenn lejn uliedi.

Nsemmi incident partikolari meta darba minnhom Lynn D qaltli li t-tfal kienu ser ikunu ghand missierha u allura stajt ncempel hemm. Nghid li meta cempilt ghand missierha dan ghal ewwel deher sorpriz meta ghedtlu li suppost it-tfal kienu mieghu izda meta gliedtlu li Lynn D kienet qaltli li nista' nkellimhom dan bhal donnu f'daqqa irealizza li uliedi kienu qeghdin ghandu. Nzid li meta gieli nkellem lil uliedi permezz ta' telefonata, dawn jibdew jigu mghaggla sabiex ifittxu jaqtaw. Eventwalment Lynn D sahansitra nehhiet it-telephone mir-residenza taghha.

Darba minnhom ghidt lil Lynn D li xtaqt inhallas passagg ghal uliedi sabiex jigu fuq zjara qasira. Izda minn naha taghha Lynn D qalet li uliedi ma' kienux interessati u kienu anke ghaddew kummenti dispregattivi fil-konfront tieghi u dan minghajr ma' hallietni nkellimhom. Nghid li sahansitra gejt mnehhi mill-Facebook account ta' uliedi u anke blocked. Nghid ukoll li fuq Facebook l-account ta' uliedi qieghed bil-kunjom Bond, kunjom Lynn D xebba, u mhux B u dan biss bhala nuqqas ta' rispett lejja.

Nghid illi nemmen li meta Lynn D kienet telqet habta u sabta lejn ir-Renju Unit ghal erba' xhur u halliet lil uliedna hawn mieghi dan ghamlitu ghaliex kienet bdiet relazzjoni ma' ragel fir-Renju Unit. Nghid li dan il-hsieb ikompli jissahhah meta darba minnhom fi zmien li ghamilna nghixu fir-Renju Unit mara Ingliza li ma nafhiex kienet giet fuqi u qaltli li fejn tidhol Lynn D kien jaqbilli noqghod attent mis-sitwazzjoni. Nemmen li bejn Jannar u Awwissu 2010 fil-fatt Lynn D ma' kinitx qed tkun fidila lejja u kienet ghadha ghaddejja b'relazzjoni ma' ragel iehor fir-Renju Unit. Dan il-hsieb ikompli jisahhah bil-fatt li llum il-gurnata fil-post fejn konna nghixu meta konna fir-Renju Unit flimkien ma' Lynn D u uliedi spiss ikun hemm dan ir-ragel li mieghu Lynn D ghandha relazzjoni. Nghid li llum il-gurnata Lynn D qed tistenna tarbija minghand dan ir-ragel.”

Xehdet Irene B, omm l-attur.  Hija spjegat li lil C D B kienet saret tafha sew ghaliex hi u binha ghamlu zmien jghixu ghandha.  Irrakkontat it-tilwim ta’ spiss li binha u

martu kien ikollhom. Tispjega kif C D B kienet tghir hafna ghal zewgha. Dwar l-agir taghha tghid hekk:

“Nghid li C D kienet tmaqdar lil kullhadd. Kienet tmaqdar lil A quddiem uliedu, lil shab A, lir-ragel tieghi li jigi missier A u kull min b'xi mod kien imis ma' A. Nghid li sahansitra jien tajtha parir sabiex quddiem it-tfal ma' tghidx b'mod appert kontra missierhom. C D izda baqat ghaddeja b'din l-attitudni u sahansitra lil A quddiem uliedu kienet tghidlu li 'you're good for nothing'.

C D habta u sabta nformat lil A li ma' kinitx ghadha thobbu. Provajt nkellimha jien izda kien kollu ta' xejn. Kienet qaltli izda li dak li gara zgur ma' kienx tort ta' A ghaliex hu kieku setgha kien jiksiha bid-deheb izda hi ma' kinitx ghadha thobbu. Nghid li C D telqet minn Malta lejn ir-Renju Unit u halliet lil uliedha hawn. Kien waqt dan iz-zmien li t-tfal ta' A u D li dak iz-zmien kellhom madwar disa' u seba' snin kienu qaluli li ommhom kellha ritratti ta' xi ragel fuq il-laptop u li dan ir-ragel kien l-amant ta' ommhom.”

Xehdet ukoll Chantelle B, oht l-attur li spjegat kif kif waqt li l-attur u martu kienu ghadhom jghixu Malta hija kienet rat lil Chantelle B fil-kumpanija ta’ ragel iehor.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Mill-provi prodotti mill-attur jirrizulta li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser tort l-infedelta’ tal-konvenuta. It-tentativi tal-attur sabiex isalva iz-zwieg tieghu nonostante n-nuqqasijiet gravi tal-konvenuta fil-konfront tieghu ma tawx ir-rizultati li l-attur kien qed jittama.

Ghalhekk hija l-fehma ta’ din il-Qorti li l-attur ressaq provi sufficjenti sabiex jigu applikati fil-konfront tal-konvenuta id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16

Ghal dak li jirrigwarda iz-zewg ulied minuri tal-partijiet, jirrizulta li l-ahhar li l-attur ra lill-ulied kien f’Ottubru 2010 meta huwa kien kostrett jitlaq mid-dar matrimonjali gewwa

r-Renju Unit u eventwalment irritorna lejn Malta u dan minghajr ma ttiehdu proceduri fir-Renju Unit sabiex l-attur jenforza d-dritt tieghu li jzomm f'kuntatt ma' uliedu.

Jirrizulta li meta gew intavolati l-proceduri odjerni fid-19 ta' Dicembru 2011 iz-zewgt itfal tal-partijiet kienu diga ilhom jirrisjedu fir-Renju Unit sa minn Jannar 2010.

Skond **Council Regulation (EC) numru 2201/2003 tal-Unjoni Ewropea** li tirregola l-gurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-enforzar ta' sentenzi rigwardanti kwistjonijiet matrimonjali u l-awtorita' tal-genituri, maghrufa aktar bhala **Brussels II bis**, senjatament Sezzjoni 2, Artikolu 8:

"1. The courts of a Member State shall have jurisdiction in matters of paternal responsibility over a child who is habitually resident in that Member State at the time the court is seized"

Il-Qorti m'ghandiex dubju li l-ulied minuri tal-partijiet ghandhom ir-residenza abitwali taghhom fir-Renju Unit tant illi l-istess attur la qed jitlob li jigi akkordat il-kura u kustodja taghhom u lanqas li ghandhom jigu jirrisjedu mieghu hawn Malta.

Stante li ordni dwar access ghall-minuri hija intrinsikament marbuta mas-setgha tal-genitur li kif gie stabbilit *supra* taqa' fil-kaz odjern taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati fir-Renju Unit, hekk ukoll allura it-talba tal-attur sabiex ikollu access ghal uliedu minuri taqa' taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati fir-Renju Unit.

Ghalkemm ma tresqet l-ebda eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti stante li l-konvenuta ma pprezentatx risposta guramentata, il-Qrati fl-Unjoni Ewropea huma moghtija bil-Council Regulation fuq citata id-dritt, ossia l-obbligu, li jissollevaw in-nuqqas ta' gurisdizzjoni *ex officio*. Difatti Artikolu 17 ta' Brussels II bis jipprovdi illi:

“Were a court of a Member State is seised of a case over which it has not jurisdiction under this Regulation and over which a court of another Member State has jurisdiction by virtue of this Regulation, it **shall** declare of its own motion that it has not jurisdiction”.

Ghalhekk it-talbiet attrici fir-rigward tal-kura u kustodja u dwar l-access mhux ser jigu decizi stante li din il-Qorti m’ghandiex gurisdizzjoni taghti decizzjoni dwarhom kif fuq spjegat.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali ta’ bejn il-partijiet u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.
2. Tiddikjara illi m’ghandiex gurisdizzjoni titratta t-tieni talba dwar kura u kustodja, u access tal-minuri, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.
3. Tilqa’ t-tielet talba u tapplika fil-konfront tal-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------